# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 814/01/SM**

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Rose Marie Sullivan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Liri Maltin u ghaxar centezmi (LM1,682.10,0), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minnha lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi resi lilha mill-istess Mobisle Communications Limited bejn ix-xhur ta' Jannar u Mejju 2001, u dana in segwitu ta' u skond Client Contact Number 10772 in relazzjoni man-numri telefonici cellulari 79892319, 79441468, 79825568 tal-istess socjeta', liema kuntratt huwa ffirmat minnha stess;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu, 2001, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 24 ta' Ottubru tas-sena 2001, li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghal hlas tas-sorte ghas-somma ta' elf mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin, (LM1282) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqsu u ma deherux, la fil-24 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**